**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 853/02 AJD**

**Lecce Pen Company Spa ta' Settimo Torinese, Torina, Italia kif rappresentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dottor Kevin F. Dingli**

**vs**

**Office Line Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt miljuni, tmienja u tletin elf u mitt lira Taljani (Lit. 6.038.100) illum konvertiti f'Euros li bir-rata tal-kambju tal-21 ta' Marzu, 2002, (Dok. A) igibu s-somma ta' tlett elef, mija u tmintax Eoros (Euro 3,118) fl-ekwivalenti taghhom ghal-liri Maltin li skond l-istess rata tal-kambju konvertiti f'liri Maltin jgibu l-ammont ta' elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1251), bhala bilanc minn somma akbar tal-fattura 2324 datata 20 ta' Dicembru, 2000, mahruga mis-socjeta' attrici estera (Dok. B).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard, ghas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1251), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**